13 ta' Mejju, 1947

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Onor. Henry Jones et. *versus* Paolo Portelli et.

**Ko-operativi — Reġistratur tal-Ko-operativi — Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Art. 50 ta' l'Ordinanza XXXIV ta' l-1946.**

*Bħala regola, il-kwistjonijiet kontemplati mill-Liġi dwar il-ko-operativi, li jinqalgħu bejn l-imsehbin, għandhom jinġiebu fl-ewwel lok*

*quddiem ir-Reġistratur tal-Ko-operativi biex jiġu deċiżi minnu: u d-deċiżjoni tiegħu hija inappellabili, u għandha saħħa ta' sentenza.*

*Imma dak ir-Reġistratur jista' jwaqqaf il-proċediment u jordna li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Qorti tal-Kummerċ; u sakemm dan ir-Reġistratur ma jkunx ta ordni simili, il-Qorti tal-Kummerċ hija inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni mħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni.*

*Is-sirka ko-operativa ma tidħolx fil-ġurisdizzjoni ta' dak ir-Reġistratur sakemm ma tkunx ġiet reġistrata għandu skond il-liġi; imma jekk tiġi reġistrata anki fil-pendenza tal-kwistjoni, tidħol f'dik il-ġurisdizzjoni, u l-kwistjoni ġà mibdija quddiem il-Qorti tal-Kummerċ ma tibqax aktar ta' kompetenza ta' dik il-Qorti.*

L-atturi fit-taħrika qalu illi l-konvenut Paolo Portelli, fi żmien li kien inkarigat bħala teżorier tal-Għaqda fuq imsemmija, u l-konvenut Angelo Vella fil-waqt li kien impjegat ta' l-istess Għaqda, u kien inkarikat mit-tenitura tal-kotba u tal-kontijiet tagħha, naqsu milli jippreżentaw il-kontijiet u l-Balance Sheet tal-Għaqda għall-perijodi mill-1 ta' Settembru 1945 sal-31 ta' Awissu 1946 u mill-1 ta' Settembru 1946 sat-28 ta' Frar 1947; u li l-istess Paolo Portelli, waqt li kien għadu teżorier, kontra l-ordnijiet tal-Kumitat u abużivament, naqas milli jiddepożita fil-banek tal-Għaqda r-rikavat mill-bejgħ tal-prodott tal-biedja, u żammhom f'idejh fis-somma ta' £645. 17. 1. li ġew elevati mill-poter tal-konvenut flimkien ma' dokumenti u kotba tal-banek tal-Għaqda bil-mandat ta' qbid tat-28 ta' Frar 1947, maħruġ minn din il-Qorti; u li l-konvenut Angelo Vella, wara li l-konvenut Portelli ġie sospiż mill-karika ta' teżorier fl-1 ta' Marzu 1947, ikkonsenjalu somma oħra li tirriżulta fit-trattazzjoni, rikavata wkoll mill-bejgħ tal-prodotti tal-Għaqda; u li l-konvenut Paolo Portelli, kontra l-ordnijiet espressi tal-Kumitat, biegħ xi prodotti tal-Għaqda bid-dejn, kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni; u li l-konvenuti, jew min minnhom, kontra l-ordnijiet tal-Kumitat, irrikonoxxew u ħallsu xi pretensjonijiet invalidi tas-soċi tal-Għaqda għal prezz ta' prodotti li ma kienux ġew konsenjati fil-maħżen tal-Għaqda; li l-konventi, jew min minnhom, abużivament biddlu u ttraskuraw is-sistema tal-ħruġ tal-"vouchers" u tat-tenitura tal-kotba tal-Għaqda, u b'hekk ikkaġunaw danni lill-atturi

nomine; u talbu li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, (1) jiġi a spejjeż tagħhom, jew min minnhom, nominat minn dina l-Qorti perit komputist, u jekk hemm bżonn perit legali biex jassistieh, biex jeżamina u jaġġorna l-kotba tal-Għaqda u jippreżenta l-Balance Sheet għall-perijodi mill-1 ta' Settembru 1945 sal-31 ta' Awissu 1946 u mill-1 ta' Settembru 1946 sal-1 ta' Marzu 1947, u biex jirrelata fuq id-danni kaġunati minnhom lill-atturi nomine għar-raġunijiet fuq indikati u li jistgħu inoltre jirriżultaw; (2) il-konvenut Portelli jiġi kundannat iħallas lill-atturi nomine s-somma ta' £645. 17. 4, proprjetà tal-Għaqda, elevati bil-mandat ta' qbid tat-28 ta' Frar 1947, u jirrestitwilhom id-dokumenti u kotba tal-Għaqda maqbuda bl-istess mandat; (3) l-istess konvenut Paolo Portelli jiġi kundannat jirrestitwixxi lill-atturi nomine dik is-somma li tirriżulta ġiet lilu konsenjata mill-bejgħ tal-prodotti wara t-28 ta' Frar 1947 mill-konvenut Angelo Vella; u (4) il-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati biex, in linea ta' danni, iħallsu lill-atturi nomine dik is-somma li tiġi likwidata f'dan l-istess ġudizzju, in bażi għall-provi u għar-relazzjoni peritali, u ekwivalenti għall-perditi minnhom kaġunati lill-atturi nomine bil-bejgħ ta' prodotti a kreditu, bil-pagament ta' pretensjonijiet infondati ta' soċi għall-prezz ta' prodotti li ma ġewx konsenjati lill-Għaqda, bit-tbiddil tas-sistema tal-"vouchers" u tal-kotba. B'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lill-atturi nomine kontra l-konvenuti; bl-ispejjeż u bl-ingħaxijiet legali kontra l-konvenuti, kompriżi l-ispejjeż tal-mandat ta' qbid maħruġ minn dina l-Qorti fit-28 ta' Frar 1947 fl-ismijiet "Onorevoli Henry Jones vs. Paolo Portelli";

*Omissis;*

Il-Qorti tosserva, fuq l-eċċezzjoni relattiva għall-ġurisdizzjoni, li s-soċjetà msemmija fit-taħrika hija Ko-operattiva, li ġiet debitament reġistrata fil-pendenza ta' dil-kawża skond avviż tad-29 ta' April 1947;

Skond l-art. 50 (1) ta' l-Ordinanza XXXIV ta' l-1946 dwar ix-Xirkiet Ko-operattivi, "jekk dwar l-affarijiet ta' xirka miktuba ma jaqblux (a) l-imxerkin, imxerkin ta' qabel u nies li jinqdew b'jedd ta' imxierek, jew (b) imxierek, imxierek ta' qabel jew bniedem li jinqeda b'jedd ta' imxierek, jew imxierek

mejjet, u x-xirka, il-kumitat tagħha jew funzjonarju tax-xirka, jew (c) ix-xirka jew il-kumitat tagħha u xi funzjonarju tax-xirka, jew (d) bejn ix-xirka u xi xirka oħra miktuba, dawk il-kwistjonijiet għandhom jiġu mqiegħdin quddiem ir-Reġistratur sabiex jaqtagħhom huwa. Talba mix-xirka miktuba dwar flus li għandha tieħu kontra mxierek, imxierek ta' qabel jew is-suċċessur jew werriet jew eżekutur testamentarju ta' mxierek mejjet, sew jekk dan id-dejn jew jedd ikunu ammessi jew le, titqies li hi kwistjoni dwar l-affarijiet tax-xirka......... (2) Meta kwistjoni tiġi mqiegħda quddiem ir-Reġistratur sabiex jaqtagħha bis-saħħa tat-taqsima ta' artikolu (1) huwa jista' (a) jaqta' hu l-kwistjoni, jew........... bil-miktub jibgħatha għand arbitru sabiex jaqtagħha huwa. Iżda jekk ix-xkiel għal qbil fil-kwistjoni jkun ġej minn taħwid kbir ta' liġi u ta' fatt, ir-Reġistratur, jekk jidhirlu xieraq, jista' jwaqqaf il-proċeduri fuq dik il-kwistjoni sakemm il-kwistjoni tkun ġiet maqtugħa f'kawża mqanqla minn xi waħda mill-partijiet fil-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu. Jekk ebda kawża bħal din ma tinbeda fi żmien sitt xhur mill-amar tar-Reġistratur li jkun waqqaf il-proċeduri, ir-Reġistratur jimxi kif jingħad hawn fuq f'din it-taqsima ta' l-artikolu........... (3) Bla ħsara ta' dawk ir-Regolamenti li jista' jkun hemm, ir-Reġistratur jista' jieħu lura kull kwistjoni mibgħuta kif hemm fit-taqsima (2) (b), u jaħdimha kif xort'oħra jinsab imniżżel fl-imsemmija taqsima ta' artikolu";

Minn dan jidher li quddiem dina l-Qorti ma jistgħux jinġiebu kwistjonijiet bħal dawk imsemmijin fl-art. 50 fuq imsemmi, kemm il-darba qabel ma jkunux inġiebu quddiem ir-Reġistratur, u minn dan imħollijin għal din il-Qortil; għax bħala regola għandhom jiġu maqtugħa mir-Reġistratur, u d-deċiżjoni ta' dana tkun inappellabili, u jkollha s-saħħa ta' sentenza ta' dil-Qorti (art. 50) § 5);

Ma hemmx dubju li l-kwistjoni miġjuba quddiem dil-Qorti hija waħda minn dawk kontemplati fl-artikolu li ssemma, u għalhekk tidħol fil-ġurisdizzjoni tar-Reġistratur fuq imsemmi. Dana r-Reġistratur ġie nominat debitament skond il-liġi b'Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 608 tat-12 ta' Diċembru 1946; u għalhekk quddiemu għandha tinġieb il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet;

Huwa minnu li meta l-atturi bdew dina l-kawża, ix-xirka minnhom rappreżentata kienet għadha ma ġietx miktuba għand ir-Reġistratur; iżda mnalli ġiet reġistrata, dik ix-xirka daħlet taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak ir-Reġistratur, u "re adhuc integra" l-kwistjoni l-hum għandha tiġi mħollija għalih; għax il-ġurisdizzjonijiet stabbiliti mill-liġi huma ta' ordni publiku. F'każ analogu ta' ġurisdizzjoni, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza tal-25 ta' Ottubru **1937** in re "**Cutajar vs.** Galizia nomine", kienet iddikjarat ruħha inkompetenti minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni f'kawża ta' indennità, peress li fil-pendenza ta' dik il-kawża saret liġi li ħolqot Board apposta għall-kwistjonijiet ta' indennità minħabba espropjazzjonijiet magħmula għall-utilità publika, avvolja l-kawża kienet ilha li nbdiet; u l-Qorti ta' l-Appell tat raġun lil dik il-Qorti tal-Prima Istanza (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-istess kawża, tal-21 ta' Frar 1938);

Fuq l-ispejjeż, il-Qorti tosserva li la darba x-xirka kienet għadha ma ġietx reġistrata, l-atturi ma kellhomx tort li ma ġiebux il-kawża quddiem ir-Reġistratur tax-Xirkiet Ko-operativi. Iżda, biex f'dina l-kawża l-Qorti tkun tista' tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż, jeħtieġilha tidħol fil-meritu tal-kwistjoni, biex tara min għandu raġun u min għandu tort. Dana l-Qorti, "rebus sic stantibus", ma tistax tagħmlu, għax tkun qiegħda tidħol f'haġa li fuqha sal-lum għad ma għandhiex ġurisdizzjoni; u ma jistax ikollha sakemm, wara li jiġu eżawriti l-proċeduri quddiem ir-Reġistratur tax-Xirkiet Ko-operativi, dana jiddeċidi li jirrinvija l-partijiet quddiem dina l-Qorti, (Għaldaqstant jeħtieġ il-provvediment li sejra tagħti l-Qorti għall-ekwità;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni, u teħles lill-imħarrkin mill-ħarsa tal-ġudizzju; u tordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-reġistru kontra l-atturi.